# *Mitt Sena Ilu Miet il-Fundatur tal-Banda Beland - Orazio Diacono*

*Orazio Diacono kien wieħed mill-ħafna ulied ta' Giovanni Battista neguzjant magħruf tal-qotnina mill-belt Taljana ta' Livorno, port prominenti Taljan fil-baħar Ligurju. Dan in-neguzjant Taljan kien stabbilixxa ruħu f'Malta, eżattament ġewwa ż-Żejtun fejn kellu xi ħbieb, wara li nqabad f'pajjiżna waqt l-imblokk tal-Franċiżi mitejn sena ilu. Il-familja Diacono kellha skuna jisimha Despatch u dan l-isem spiċċa biex sar ukoll il-laqam tal-familja. Intant kien dan Gio Batta li beda l-istorja mużikali tal-banda tagħna ġewwa ż-Żejtun. Nafu ċert illi fl-1832 kienet diġa teżisti l-Orkestra taż-Żejtun imwaqqfa mill-istess G.B. Diacono u kien huwa stess illi ġab il-magħruf Surmast Taljan Michele De Ferraris biex jikkomponi, jirriduċi, jistrumenta u jikkopja għal din l-orkestra. Deferraris kien joqgħod f'dar tas-Sur Diacono ġewwa ż-Żejtun bi ħlas ta' skud kuljum, ikel frank u flixkun rum fil-ġimgħa.* ***(Are ġrajja ta' Baned f'Malta u f'Għawdex - Banda Beland - Bk. 1 R. Mifsud Bonniċi).*** *Giovanni Battista Diacono miet nhar it-**8 ta' Diċembru, 1849** eżattament 150 sena ilu u jinsab midfun fil-kannierja ta' l-Oratorju tas-Ssmu. Sagrament iż-Żejtun.*



*Jidher illi Orazio, iben Gio Batta, kompla fejn ħalla missieru kemm f'dak li huwa negozju kif ukoll fil-qasam mużikali. Fl-1837 meta kellu biss 12-il sena, mar qatta' sena ħdejn ħuh li kien stabilixxa ruħu bħal negozjant ġewwa Livorno. Orazio iżda irritorna lura Malta għal xaħrejn, biex reġa' lura lejn Livorno fejn dam sal-bidu tal-1843.*

*Fil-kamp mużikali, Orazio kien vjolinist prim u wisq probabbli illi studja l-mużika fis-snin li dam ġewwa Livorno. F'waħda mill-ittri tiegħu jistqarr illi kemm dam l-Italja dejjem għex ġewwa Livorno. Kompożizzjonijiet ta' diversi awturi famużi, kemm għall-banda kif ukoll għall-orkestra u li jinsabu fl-arkivju tal-banda Beland jixhdu dan, għaliex inġabu kollha minn stabbiliment mużikali 'Del Moro' li jinsab fi Piazza d'Arme ġewwa Livorno. Meta Orazio irritorna lura Malta fl-1843 ħa f'idejh ir-riedni ta' l-Orkestra flimkien ma' ħuh Giovanni. Meta aktar tard bl-għajnuna ta' Mro. De Ferraris l-orkestra ġiet trasformata f'banda, Orazio sar l-ewwel Surmast Direttur. Skond l-Arkivju Parrokjali u dokumenti li kienu jinsabu għand il-familja Diacono, dan seħħ fl-1860. L-istess Orazio ħa ħsieb biex*



tinxtara mill-Italja l-istrumentatura meħtieġa. Mro. Orazio kien ukoll mużiċista kapaċi, inventiv u prattiku kif jixhdu l-kompożizzjonijiet tiegħu fosthom marċi funebri, passo doppio (marċi), polki, mażurki, riduzzjonijiet mill-orkestra għall-banda, fosthom Innu lil Santa Katarina li ibnu Carlo ikkompona fl-eta' ta' 17-il sena meta kien għadu bandist mal-Beland. Qabel miet Mro. Orazio Diacono kellu x-xorti kbira illi mhux biss jara lil ibnu Carlo bandist, iżda wkoll Surmast Direttur tal-banda illi huwa stess kien waqqaf snin qabel. Huwa miet nhar it-**18 ta' Lulju 1899 fl-eta' ta' 73 sena** wara marda twila u jinsab midfun fejn missieru fil-kannierja ta' l-Oratorju tas-Ssmu. Sagrament.



AL 18 LUGLIO 1899
ORAZIO DIACONO MANGION
LASCIÒ DI VIVERE
PIANTO DA TUTTI QUELLI CHE LO CONOSCEVANO
PER LE SUE BELLE VIRTÙ
E PER IL SUO CUORE ANGELICO VERSO TUTTI
SPECIALMENTE VERSO I POVERI
MORTO ALL' ETA' DI ANNI 73
DOPO UNA ACERRISSIMA MALATTIA
CHE SOFFERSE PER LO SPAZIO DI 8 ANNI
CON PIENA RASSEGNAZIONE.

Dolce Cuore di Gesù siate il mio amore.
*(Ind. 300 giorni*, Pio IX)

Dolce Cuor di Maria siate la salvezza mia.
*(Ind. 300 giorni*, Pio IX)

**Ritratt tifkira tal-mewt tal-Fundatur Mro. Orazio Diacono nhar it-18 ta' Lulju 1899, fl-eta' ta' 73 sena. Jissemmew fost l-oħrajn il-Qalb tajba tiegħu speċjalment lejn il-foqra.**

# Irregalat Arkivju Mużikali Imprezzabli

Hekk kif is-Soċjeta' u l-Banda Beland qed ifakkru egħluq il-100 sena mill-mewt tal-fundatur Mro. Orazio Diacono, in-neputijiet tiegħu Mro. Frank Diacono, s-Sinjura Maria Falzon nee Diacono u l-mara tal-mejjet Perit Orazio, s-Sinjura Rosa Diacono, għoġobhom jirregalaw lis-Soċjeta' u l-Banda Beland arkivju mużikali li jikkonsisti fil-mużika oriġinali tat-twaqqif tal-Orkestra taż-Żejtun u l-Banda Beland. Din il-mużika minbarra li hija ta' valur imprezzabbli għalina, ser tixhet dawl ġdid fuq l-istorja mużikali tas-Soċjeta' u l-banda tagħna.

Il-mużika tikkonsisti f'kompożizzjonijiet oriġinali ta' Mro. Michelino DeFerraris bħal marċi brillanti, marċi funebri, polki mażurki, sinfoniji, valzi, siltiet minn opri sħaħ għall-banda. Ma jonqsux ukoll kompożizzjonijiet kemm ta' Gio Batta kif ukoll ta' l-istess Orazio Diacono. Din il-mużika li fil-maġġoranza tagħha hija kollha firmata u datata tkopri s-snin bejn l-1840 u l-1880.

Hija l-intenzjoni u x-xewqa tal-Kumitat illi dan it-teżor mużikali jiġi mhux biss esebit permanentement ġewwa l-Każin Beland biex jitgawda minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-iżvilupp tal-mużika f'pajjiżna, imma aktar improtanti illi dawn ix-xogħolijiet mużikali jibdew jiġu esegwiti minn żmien għal żmien mill-banda Beland, li għaliha ġew kompoosti dawn ix-xogħolijiet. Din hija ukoll ix-xewqa tal-familja Diacono.

F'isem il-Kumitat u s-Soċjeta' kollha nirringrazzjaw minn qalbna lill-familja Diacono għal din il-preżentazzjoni hekk importanti għalina u li fl-istess ħin kompliet issaħħaħ ir-rabtiet mill-qrib li dejjem kienu jeżistu bejn il-familja Diacono u s-Soċjeta' u l-Banda Beland.

